# Nuqqasijiet Tat-Tijatru Malti

Studju Kritiku ta'
JOHN J. CREMONA, B.A., LL.D., D.LITT. (Ruma)

IT-TIJATRU Malti tradizzjonali—dak li nistgħu nsejħu tat-tijatrini—hu magħmul kollu, tista' tgħid, minn farsi u drammi storiċi. F'manuskritt tal-Bibljoteka ta' Malta nsibu żewġ traġikummidji bit-Taljan ta' Jacobo Farrugia (seklu XVII) u f'manuskritt ieħor kummidja aħjar ta' Carlo Magri, li tiegħu nsibu wkoll kummidja oħra mitbugħa f'Ronciglione fl-1674. Bit-Taljan insibu wkoll fis-seklu ta' wara ħafna melodrammi fuq l-istil ta' Metastasio, li ma noqogħdux insemmu wieħed wieħed; iżda naraw bil-Malti x'għandna.

Bil-Malti għandna għadd ġmielu ta' drammi storiċi u farsi li ħafna minnhom mhumiex mitbugħin iżda li jiġbdu ħafna u dejjem il-pubbliku ta' l-irħula u xi drabi ta' l-ibliet ukoll. Dan hu t-tijatru tradizzjonali Malti, b'użin wisq dgħajjef ta' oriġinalità. Mhux kollha, madankollu. dawn ix-xogħlijiet baqgħu manuskritti fil-kupjuni tal-għaqdiet filodrammatiċi għax xi wħud ġew ukoll mitbugħin. Insemmu l-erba' kotba ta' *Teatro in Vernacolo* (ma nafux għax it-titlu hu bit-Taljan meta t-test hu bil-Malti) ta' M. A. Borg—li hu r-repertorju tal-Għaqda *L-Indipendenza*—u xi xogħlijiet stampati fil-Kotba tal-Mogħdija taż-Żmien l-iżjed ta' A M. Galea; iżda l-biċċa bil-wisq l-aktar kbira ta' dawn ix-xogħlijiet hi maqluba minn ilsna oħra, għalkemm b'tibdiliet xi drabi kbar. Ġà minn xi mitt sena ilu nħasset il-ħtieġa li t-tijatru Malti jieħu xejra aktar letterarja u Wiġi Rosato kiteb id-drammi tiegħu f'versi, iżda ma għoliex qatigħ. Fi żmenijiet eqreb lejna din il-ħtieġa nħasset iżjed u ġew mitbugħin xi xogħlijiet letterarji li jfissru mixja tajba 'l quddiem fit-tijatru Malti għalkemm minn hawn u minn hinn għadna nilmħu xi rbit ma' xi kelmiet foloz tat-tijatru tradizzjonali. Dawn ix-xogħlijiet, iżda, li għandhom kwalitajiet tajba li m'aħniex sejrin niċħdu fetħu t-triq għat-tijatru letterarju Malti, li waqt li jimxi 'l quddiem matul dik it-triq, jista' jrabbi ġwienaħ akbar.

Mhux fi ħsiebna li *a priori* nkasbru u narmu l-farsa, għalhekk biss għax farsa, għaliex jekk din ikollha ħajja fiha nfisha mhemmx għaliex m'għandhiex tidħol fil-ġid artistiku tal-pajjiż bħallikieku, ingħidu aħna, il-farsi ta' Cecchi fil-letteratura Taljana, iżda l-farsa Maltija hi mnissla mill-agħar tiġbida tal-

*pochade* Franċiża u ħafna drabi mhix ħaġa oħra ħlief traduzzjoni mgħarrqa minn vaudevillisti Franċiżi. Il-biċċa l-aktar kbira tat-*Teatro in Vernacolo* ta' M. A. Borg hi maqluba minn awturi Franċiżi, għalkemm jidhrilna li f'*pochade* waħda biss, *Dik l-affari* jissemma n-nisel, Hennequin u Veber. Il-farsa Maltija, mela, l-aktar li torbot mal-*pochade* Franċiża, aktarx mingħajr il-*couplets* mużikali, għalkemm mhux dejjem, il-pochade tat-tieni taqsima tas-seklu li għadda meta saret xejn iżjed ħlief farsa b'ħafna taqlib u taħwid, fejn il-ħsieb tal-kittieb hu biss li jdaħħak u dan jiftiehem barra min-nuklew tal-ħajja tax-xogħol stess, xi drabi b'xi allużjonijiet għall-ħwejjeġ taż-żmien u tista' tgħid tal-jum, b'ħafna frugħa u wkoll xi sitwazzjoni jekk mhux maħmuġa ftit imdennsa. Iżda ta' min igħid li f'xi farsi jinħass nisel aktar fil-bogħod li għandu mnejn jekk niġbduh bizzejjed jasal sat-*teatro dell'arte* u l-fdal tiegħu fit-tijatru djalettali Taljan. Dan narawh minn xi persunaġġi sterjotipati u minn xi għamliet ukoll, bħallikieku bdil ta' lbies u xebgħat barra minn ħwejjeġ oħrajn li flimkien jagħmlu l-armamentarju tat-*teatro dell'arte* meħud mill-kummidja Griega u Latina. Iżda l-farsa Maltija ma tridx ħlief iddaħħak biss u hi mġebbda wisq sew fil-fatt kemm fil-kliem. Dan jidher bizzejjed tajjeb bħallikieku mid-Dehra sittax tat-tieni taqsima ta' *Tifel taparsi* meħuda minn xi xogħol ieħor minn M. A. Borg, l-ewwel dehra li ġiet f'idejna.

Id-dramm tradizzjonali Malti, kif għedna, hu l-iżjed ta' tip storiku u jissokta, b'tikbir xi drabi teleskopiku tan-nuqqasijiet, l-aktar taqsima rħisa fost id-dramm rumantiku Taljan u Franċiż tas-seklu li għadda iżda b'għajnejh mitfugħin fuq Metastasio u ta' bħalu. Dramm li mhux għajr warda tal-karti, iebsa, bla riħa u bla ħajja. Wisq drabi l-persunaġġi huma ta' l-injam bil-ġogi tal-ħadid. Saħansitra l-kliem hu artifiċjali u nsibu ħafna *però, eppure, ebbene, oh sema, ah miżerabbli, infami, olà suldati, oh le, oh iva,* mistoqsijiet li ma jridux tweġiba, għajtiet ta' għaġeb, ta' mħabba, ta' rieda u ta' qilla li jgħajtu żżejjed u ż-żigarelli kollha tal-agħar retorika. Metastasio, milli stajna naraw mill-għadd kbir ta' xogħlijiet tiegħu f'Malta u mill-għadd kbir ta' melodrammi mfasslin fuq tiegħu maħdumin f'artna fi żmienu u wara kien wisq miġjub f'pajjiżna. Issa tinsewx li min jimita aktarx jesaġera—u mhux is-sbuħijiet. Naħsbu, barra minn dan, li fuq id-dramm Malti kellu wkoll qawwa l-librett ta' l-opra mużikali—li aktarx issokta l-melodramm ta' Metastasio. Malta dejjem kienet imsemmija għall-ġibda tagħha għall-opra mużikali u fid-dar ta'

Bellini f'Katanja fejn hemm (jew aħjar kien hemm) ġabra sabiħa ta' libretti tal-opra belliniana, insibu għadd ġmielu ta' libretti li huma mitbugħin f'Malta.

Aktarx li hu mħabba dawn il-libretti li d-dramm Malti żamm daqshekk u hekk għat-tul it-togħma ta' Metastasio. Araw kemm kull ma għedna jidher sewwa mit-tieni Dehra ta' *Katrin* ta' Wiġi Rosato, minn dawk iż-żewġ taħditiet twal fejn il-kelma hi battala bħal qoxra ta' għakrux mejjet. Ridna nagħżlu din il-biċċa għax insibuha mdaħħla fil-*Ward ta' Qari Malti* tal-professuri Aquilina u Saydon u hekk għandna naħsbu li ġiet minnhom magħduda bħala l-aħjar biċċa; iżda naraw li saħansitra minn dil-biċċa jidher, u jidher ħafna, il-ħaxix niexef.

F'dawn l-aħħar snin, kif ġà għedna, dehru xi xogħlijiet drammatiċi letterarji li huma bil-wisq aħjar mix-xogħlijiet popolari u jġagħluna nittamaw tajjeb ħafna għalli ġej, iżda hawnhekk irridu naraw xi nuqqasijiet li fuqhom nistgħu nitkellmu *generaliter*.

Jekk nagħtu daqqa ta' għajn wiesgħa u ġenerali naraw li wieħed min-nuqqasijiet—u aktarx id-dnub oriġinali—tat-tijatru Malti hu li l-kittieb iqiegħed il-fatt qabel kollox waqt li din il-ġibda żejda għall-ħajja tal-wiċċ, għall-ħajja kristallizzata tal-fatt meħud astrattament bħala ġabra ta' ġewwa li tixgħel fil-qalba, il-ħajja li hi tassew ħajja. Għalhekk jagħmel sewwa d-drammaturgu Malti jekk iħares ftit aktar lejn id-djalogu għax fejn id-djalogu ma jitħarrekx ħaj daqs il-merkurju, ħarkien daqs labra ta' kumpass m'hemmx siwi kbir. 'L hinn mill-ġrajjiet oġġettivi li jagħmlu l-fatt hemm il-qawwiet suġġettivi li nisslu dawk il-ġrajjiet u dawn id-drammaturgu jfisser fid-djalogu. Il-fatt m'għandux jibqa' fil-wiċċ u jimxi biss fuq il-muskoli tal-ġrajjiet tiegħu stess, iżda għandu jimxi 'l quddiem taħt id-djalogu, imiss miegħu u qatt maqtugħ. Hu mid-djalogu li toħroġ l-aħjar il-karatterizzazzjoni u hi l-karatterizzazzjoni li l-aktar tħarrek ix-xogħol tassew, ir-ruħ tad-dramm.

Ukoll fir-rumanz insibu li xi awturi aktar moħħom fil-fatt u oħrajn aktar moħħom fil-karatterizzazzjoni—hekk ingħidu aħna: *L-Għerien tal-Katavri* ta' ma nafx min (għalkemm rumanz moqri ħafna fl-irħula) u *Taħt Tliet Saltniet* ta' Ġużè Aquilina għalkemm m'għandniex dubju li Aquilina għad jagħtina wkoll xi ħaġa aħjar. Din il-kwistjoni torbot ma' l-imsemmija kwistjoni tal-forma u kontenut imqanqla fil-Ġermanja għall-aħħar tas-seklu li għadda

u naraw kemm tiswa l-forma. Jekk nieħdu l-ġrajja bħala ġrajja biss xi rumanzi ta' Henty huma aħjar minn *Crome Yellow* ta' Huxley. Iżda rridu niftakru li fejn il-fatt l-awtur jifhmu għalih bħala l-aktar ħaġa li tiswa u l-karattri għalihom ukoll bħala taqsima biss mill-fatt, ma jkunx hemm ħajja, iżda għadd wara l-ieħor ta' kartolini li ma jsirux ħaġa waħda f'pellikola għax tonqos il-qawwa li tgħaqqad ix-xogħol.

Biex ikollna dramm tajjeb irridu noħolqu karattri tajbin li jinħallu fil-fatt waħedhom u mingħajr tqanżiħ biex fatt u karattri jsiru ħaġa waħda, ħaġa ta' sbuħija. Irridu mela naħsbu fittnejn bħala ħaġa waħda.

Nuqqas ieħor tat-tijatru Malti li jinħass ftit jew wisq fixxogħlijiet kollha, għalkemm wisq anqas fix-xogħlijiet letterarji, hu r-retorika. Infittxu ftit din minn fejn hi ġejja. Hi ħaġa magħrufa li l-Malti, kittieb u pubbliku, għandu ġibda kbira għaddramm storiku, li f'pajjiżna għandu warajh tradizzjoni ta' snin u snin. Mhux biss id-drammi populari iżda wkoll ix-xogħlijiet letterarji li għedna u li huma eqreb lejna huma ta' tip storiku. Tassew li dan mhux nuqqas u aħna m'għandna xejn kontra d-dramm storiku, anzi xi wħud mid-drammi moderni li jogħġbuna l-aktar (*Deirdre of the Sorrows* ta' Synge, *Saint Joan* ta' Shaw, *Murder in the Cathedral* ta' T. S. Eliot, *Enrico IV* ta' Pirandello, *L'Otage* ta' Claudel, eċċ) huma storiċi. Madankollu rridu hawnhekk insejħu d-drammaturgu biex għalissa jinqata' ftit middramm storiku. Id-dramm storiku, araw, hu marbut fil-ħsieb midfun tal-kittieb mar-retorika melodrammatika tat-tijatru tradizzjonali Malti u aktarx li jiġbed il-kittieb, ukoll kontra r-rieda tiegħu hawnhekk. Il-kittieb idur għad-dramm storiku għal żewġ għelijiet: għax hu aktar għażiż għall-pubbliku u għax b'hekk xi drabi jsib xi elementi minn tal-fatt ġà lesti u hekk jaħseb li sejjer iħaffef ix-xogħol waqt li sustanzjalment ikun qiegħed itaqqlu għax isibha iktar tqila biex jingasta l-karattri f'*milieu* mhux maħluq minnu iżda misluf. Il-kittieb jaħdem karattru tal-qies eżatt biex jingastah fil-post tiegħu mqasqas xi drabi mill-imqass ta' l-istorja fl-arazz tad-dramm.

Barra minn dan, meta l-kittieb jintefa' lura fiż-żmenijiet imgħoddija u hekk aktarx li jiġbor ftit l-istorja ta' dawk iż-żmenijiet mix-xogħlijiet ta' dawk iż-żmenijiet stess ħafna drabi jieħu l-wiċċ u mhux il-qiegħ. Għalhekk xi drabi d-djalogu jsir diwi rettoriku, minfuħ u battal ta' żmien-fantasma. Huwa wisq ta' sikwit li fiddramm storiku l-kittieb jipprova jilbes kapep u xwabel, u jogħġob

íva lill-kotra, iżda hu stess iħoss ruħu barrani f'dak l-ilbies u jkun hemm konflitt bejn l-illużjoni li biha l-pubbliku jkun qiegħed iserraħ ix-xenqa subkoxjenti tiegħu għal dak li llum jissejjaħ *escapism* (l-istess argument imfisser fi *A defence of penny dreadfuls* ta' Chesterton) u ħafna drabi ċ-ċiniżmu subkoxjenti tal-kittieb mhux soddisfatt fl-ilbies tal-karnival. U dak l-istallett irqiq ta' ċiniżmu subkoxjenti joqtol l-emozzjoni. Minn hawn tiġi l-kelma battala u mgħajta biex teħel aħjar, l-irdieden tan-nar kollha tar-retorika. Għalhekk irid jiġri li jew il-kittieb jibqa' fl-isfera aktar sewsew storika iżda b'hekk jasal għal ċerta trasfigurazzjoni artistika tal-fatt storiku, jew inkella li jifhem dak il-fatt bħala fatt li qiegħed jiġri issa stess jew inkella li jista' jiġri għada.

Jeħtieġ, jekk id-drammaturgu Malti jrid tassew jogħla, li jinża' dak l-ilbies ileħex u kkamlat li jħobb jilbes mingħajr ma jagħmlu tiegħu u li fuqu tista' tgħid dejjem jibqa' lbies tal-karnival u jressaq widintu ma' l-art biex jisma' l-ħaxix jikber. Idur dawra mal-misraħ tar-raħal tiegħu, jieqaf ikellem il-bidwi u l-ħaddied, il-bennej u lil tal-ħanut, jew, jekk irid iżur ukoll it-triqat u s-salotti tal-belt, iżda jibqa' dejjem imiss mal-ħajja u fl-aħħar għandu mnejn joħroġ tijatru Malti kbir għax tassew qrib il-qlub tagħna lkoll.

Jeħtieġ mela li d-drammaturgu Malti ma jibqax ilsir ta' tifsila konvenzjonali li għandha fuqha t-trab tal-ħwejjeġ mejta. Għalhekk, kif ġa għedna, jagħmel sewwa jekk għalissa jinqata' ftit mid-dramm storiku mhux le għax dan ma jistax jagħti frott mill-aħjar, iżda għal raġunijiet lokali u ċirkustanzjali, għaliex snin twal ta' tradizzjoni mmermra u miżbugħa fit-tijatrin Malti ma jistgħux ma jtaqqlux il-ġwienaħ tal-kittieb. Meta ninsew dik it-tifsila konvenzjonali li fuqha jinħadem id-dramm storiku tat-tradizzjoni Maltija u nerġgħu nittantaw id-dramm storiku f'wisa' akbar, aħna naraw il-bgħid bejn xogħol u ieħor u kemm dan il-bgħid ikun għall-aħjar.

Nersqu mela lejn id-dramm ewropew ta' żmienna, għalkemm mhux le billi naqbżu x-xogħlijiet kbar ta' qabel. Hekk, wara li nitilqu mill-klassiċi qodma, l-aktar Ewripidi u Plawtu, ngħaddu mill-oqsma ta' Marlowe, Stakespeare, Jonson u Sheridan, ta' Ariosto, Alfieri u Goldoni, ta' Moliere, Corneille u Racine, ta' Calderon, Molina u Lope de Vega, ta' Lessing, Goethe, Schiller u Hebbel, nieqfu ftit fuq id-dramm imsejjaħ domestiku li jiftaħ it-triq għad-dramm soċjali u rijalistiku modern mibdi minn Lillo (għalkemm bi ftit ħila) Lessing u Diderot u naslu għaż-żmenijiet

eqreb lejna, nieqfu l-iżjed fuq Ibsen, l-imgħallem il-kbir, Synge u Tchekov u mbagħad ukoll fuq D'Annunzio u Pirandello fl-Italja, Becque, Rostand, Claudel u Romains fi Franza, Maeterlinck fil-Belġju, Shaw, Galsworthy, Somerset-Maugham u O'Casey fl-Ingilterra u l-Irlanda, Hauptmann, Sudermann, Wedekind, Kaiser u Foller fil-Ġermanja, Capek fiċ-Ċekoslovakkja, Benavente, Martinez Sierra u Alvarez Quintero fi Spanja, Heyermans fl-Olanda, Blok fir-Russja, Molnar fl-Ungerija, Strindberg fl-Isvezja kif ukoll O'Neill u Anderson fl-Amerika. Wara, imbagħad, id-drammaturgu Malti jħares ġewwa fih u ma' dwaru, jara lil ġensu, lill-ħajja ta' niesu u aktar il fuq lill-ħajja tal-bnedmin u jekk ikollu s-sejħa għandu mnejn joħloq it-tijatru Malti ġdid li nistennew.

Iżda biex ikollna dan il-kittieb irid jissielet kontra l-ħajra li jogħġob lit-taqsima anqas imgħallma tal-pubbliku, imħaddna bl-akbar qawwa mat-tradizzjoni tat-tijatrin. U hemm bżonn li ma jaqtax qalbu. Il-kittieb jikber meta jifhem il-għoli tas-sejħa tiegħu. Meta dan jiġi mifhum ukoll mill-pubbliku kollu u mill-Istat għandna mnejn ikollna wkoll dak it-tijatru nazzjonali megħjun mill-Istat, li ħafna li ġà fehmu u jixtiquh wisq.